MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 210/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Joseph u Therese mizzewgin Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-2 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat 28 ta' Lulju 1995, (Dok. A), is-socjeta' attrici kkoncediet facilita bankarja lil konvenuti Joseph u Therese mizzewgin Sammut;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Joseph u Therese mizzewgin Sammut fis-somma ta' sebgha u erbghin elf, mija u erbgha u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu (€47,124.17) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account"* ta' Joseph u Therese mizzewgin Sammut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B67) flimkien mal-imghax

ulterjuri mit-13 ta’ Jannar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

4. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 15 ta’ Marzu 2006 li kopja taghha qed tigu hawn ezibita u mmarkata Dok. C, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tikkundanna lil Joseph u Therese mizzewgin Sammut jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u erbghin elf, mija u erbgha u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu (€47,124.17) bilanc ghad-debitu fl-”*Overdraft Account”* ta’ Joseph u Therese mizzewgin Sammut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B67) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta’ Jannar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta’ Marzu 2006 kontra l-konvenuti li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat li l-konvenuta Therese Sammut debitament notifikata baqghet kontumaci;

Rat in nota ta’ ammissjoni tal-konvenut Joseph Sammut ippresentata fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2012 li biha ammetta it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Semghet ix-xhieda ta’ Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont pretiz mill-bank attur cioe €47,124.17 ghadu kollu dovut u

li ebda parti minnu ma thallset, liema ammont ma jinkludix l-imghaxijiet kif mitlub fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tal-20 ta’ Frar 2012;

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sebgha u erbghin elf, mija u erbgha u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu (€47,124.17), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------